DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/447/PESK

tal-11 ta' Awwissu 2010

li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Lulju 2003, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/537/PESK [1] li taħtar lis-Sur Marc OTTE bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ir-RSUE") għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani.

(2) Fit-22 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/107/PESK [2] li testendi l-mandat tar-RSUE sal-31 ta' Awwissu 2010.

(3) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż sat-28 ta' Frar 2011 jew sakemm il-Kunsill jiddeċiedi, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem "ir-RGħ"), li funzjonijiet adatti korrispondenti għal dawk skont id-Deċiżjoni 2010/107/PESK ġew stabbiliti fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u jtemm il-mandat.

(4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/107/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-mandat tas-Sur Marc OTTE bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani huwa b'dan estiż sat-28 ta' Frar 2011 jew sakemm il-Kunsill jiddeċiedi, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli, li funzjonijiet adatti korrispondenti għal dawk skont id-Deċiżjoni attwali ġew stabbiliti fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u jtemm il-mandat.";

(2) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Finanzjament

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perjodu mill-1 ta' Marzu 2010 sal-31 ta' Awwissu 2010 għandu jkun ta' EUR 730 000.

2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sat-28 ta' Frar 2011 għandu jkun ta' EUR 585 000.

3. In-nefqa għandha tiġi amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

4. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli quddiem il-Kummissjoni għan-nefqa kollha.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

S. VANACKERE

[1] ĠU L 184, 23.7.2003, p. 45.
[2] ĠU L 46, 23.2.2010, p. 8.